**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 1 ta' Dicembru 2016**

**Pulizija**

**Spettur Fabian Fleri**

**Vs**

**Valeriani Shengelia**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Valeriani Shengelia ta' 31 sena, iben Akaki u Elisa mwieled fid-29 ta' Novembru 1984 gewwa Georgia, minghajr residenza fissa imma bhalissa residenti l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u detentur tan-numru personali Gerogjan 60001035875;

Talli fit-2 ta' Settembru 2016, ghall-habta ta' bejn l-10:30hrs u 12:50hrs flimkien ma persuni ohra minn gewwa l-appartament bin-numru 2 fil-blokka bl-isem ta' Portside Place li tinsab fi Triq il-Pwales, San Pawl il-Bahar:

1) Ikkommetta serq ta' flus kontanti, gojjellerija w oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikatbil-vjolenza numerika, bil-mezz, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin euro centezmu (€2.329.37) u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Josephine Mary Shepherd Thorn u/jew persuna jew persuni ohra;

2) U aktar talli fit-2 ta' Settembru 2016, ghall-habta ta' bejn il-11:00hrs u 13:00hrs flimkien ma persuni ohra minn gewwa l-appartament bin-numru 1 fil-blokka bl-isem ta' Azur Waters li tinsab fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' flus kontanti, gojjellerija w oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin euro centezmu (€2,329.37) u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Magdalena Richter u/jew persuna jew persuni ohra;

3) U aktar talli fis-17 t'Awwissu 2016, ghall-habta ta' bejn id-9:00hrs u 19:30hrs flimkien ma persuna/i ohra minn gewwa l-appartament bin-numru 1 fil-blokka bl-isem ta' Park View Apartments li tinsab fi Triq Gdida fi Triq il-Fliegu, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' gojjellerija w oggetti ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin euro centezmu (€2,329.37) u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Massimo Bianco u/jew persuna jew persuni ohra;

4) U aktar talli fil-21 ta' Frar 2013, ghall-habta ta' bejn id-9:45 hrs u 14:00hrs flimkien ma persuna/i ohra minn gewwa l-appartament bin-numru 2 fil-blokka bl-isem Belvedere Mansions li tinsab f'Telghet ix-Xemxija, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' flus kontanti, gojjellerija w oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bl-ammont li jeccedi l-elfejn u tlett mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin euro centezmu (€2,329.37) u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Mark Borg Hedley u/jew persuna jew persuni ohra;

5) U aktar talli fl-4 t'Awwissu 2016, ghall-habta ta' bejn is-13:50hrs u 14:50hrs flimkien ma persuna/i ohra minn gewwa l-appertament bin-numru 10 fil-blokka bl-isem ta' Perit Flats li tinsab fi Triq Spinola, San Giljan, ikkommetta serq t'arlogg, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz u bil-lok u dan ghad-detriment ta' Maxime Thomas Courreges u/jew persuna jew persuni ohra.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fl-1 ta' Dicembru 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 kif emendat, din il-Qorti giet hekk konvertita minn wahda Istruttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, u l-Qorti setghet tittratta sommarjament mal-imputat;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 261(a)(b)(c)(e), 262(1)(b), 263(a), 267 u 269(g) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal tlitt (3) snin prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**